MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1507/2003

**Citadel Insurance plc kif surrogata sia bil-polza u sia bil-ligi fid-drittijiet tal-assigurat taghha Felicienne Schembri u l-istess Felicienne Schembri**

**vs**

**Carmel Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Lulju, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u sitta u disghin lira Maltin (Lm496) rappresentanti danni subiti f'incident stradali li sehh fi Triq Aldo Moro, l-Marsa bejn vettura misjuqa mill-attrici bin-numru ta' registrazzjoni FEL981 u vettura bin-numru KAG 879 misjuqa mill-konvenut meta hija xeghlet l-*indicator* sabiex iddur mar-*roundabout*, ghal liema incident l-konvenut kien unikament responsabbli minhabba traskuragini, negligenza u imprudenza u nuqqas ta'

osservanza ta’ regolamenti tat-traffiku. Is-socjeta attrici hallset id-danni minhabba polza *comprehensive* fil-vettura u giet surrogata fid-drittijiet ta’l-attrici, fl-ammont ta’ Lm493 fil-waqt li l-attrici hallset Lm150 excess u Lm3 rapport.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali datata 20 ta’ Mejju 2003 u dik prezentata kontestwalment kontra s-socjeta ta’l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghaxijiet mid-data ta’l-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta ipprezentata mill-konvenut fit-22 ta’ Awissu 2003 fejn huwa eccepixxa illi t-talba qed tigi ikkontestata stante illi huwa ma jahtix ghall-incident mertu tal-kawza, ghal liema incident tahti unikament l-attrici Felicienne Schembri.

Ra illi l-konvenut ipprezenta risposta ohra datata 6 ta’ Ottubru 2003 fejn huwa eccepixxa illi t-talbiet attrici ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici u dana stante illi t-talbiet taghha huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana minhabba li l-konvenut mhuwiex responsabbli ghall-incident *de quo* kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema ix-xhieda ta’l-attrici Felicienne Schembri, ta’ Emanuel Galea kif ukoll ta’ PS86 Anthony Lia, u ix-xhieda tal-konvenut u ta’ Clint Vella

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi l-incident mertu tal-kawza sehh fi Triq Aldo Moro il-Marsa vicin il-Marsa Sports Club filwaqt illi l-attrici kienet ser taghmel manuvra biex taqbad mar-*roundabout* fuq in-naha tal-lemin taghha. Il-vettura misjuqa mill-konvenut kienet gejja minn warajha u hekk kif giet sabiex tikser ghal mar-*roundabout* sehhet il-kollizjoni.

Qabel ma sehhet il-kollizzjoni l-attrici tghid illi hija kienet qed issuq fuq it-tieni *lane* min-naha tar-*roundabout* u meta kienet wasslet ftit distanza 'il boghod mir-*roundabout*, naqqset l-velocita' u xeghlet l-*indicator*. L-attrici tghid illi hija ma ratx il-vettura l-ohra gejja minn warajha lanqas meta harset mill-mirja qabel ma kissret u ikkonkludiet li il-vettura kienet gejja bi *speed* eccessiv minhabba illi hekk kif sehhet il-kollizzjoni is-sewwieq baqa' tielgha il-vettura fuq ic-*centre strip*, il-vettura daret fuqha innifisha sakemm waqqfet. L-attrici tikkontendi illi kienet ghadha ma bdietx tikser meta l-vettura l-ohra dahhlet fiha u kienet ghada fid-dritt.

Mix-xhieda tal-konvenut u ta' ibnu Clint Vella jirrizultaw zewg fatti saljenti u cioe' illi l-konvenut kien qieghed isuq fuq it-tielet karreggjata min-naha tax-xellug u li huwa kien bi hsiebu jibqa' sejjer dritt lejn il-Belt. Il-konvenut jikkontendi illi kien ilu isuq fuq l-istess karreggjata minn hdejn l-bini ta'l-istazzjoni Super One u li fl-ebda mument qabel l-impatt ma lemah il-vettura misjuqa mill-attrici, izda hekk kif wasal vicin il-linji bojod ta' hdejn ir-*roundabout* huwa hass daqqa fuq in-naha ta' wara tal-vettura. Bid-daqqa hu tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u baqa diehel fic-*centre strip* tant illi ir-*rim* tar-rota tghawwget. Huwa ighid illi kien qieghed isuq b'velocita ta' 35 mil fis-siegha.

Illi jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi l-incident strdali mertu tal-kawza sehh meta l-attrici riedet tbiddel id-direzzjoni taghha u tikser sabiex iddur mar-*roundabout*. Hija tghid illi qabel ma ghamlet dan xeghlet l-*indicator* u naqqset il-velocita taghha. Ghandu jinghad illi it-triq fejn sehh l-incident hija triq traffikuza hafna fejn il-vetturi normalment ikunu ghaddejjin b'certu velocita. Ghladaqstant l-attrici kellha responsabbilta ikbar fuqha meta hija giet biex tbiddel id-direzzjoni. Qabel xejn hija messha hassbet fit-tul iktar u dahhlet fil-karreggjata appozita hafna qabel ma get vicin ir-*roundabout* u mhux qaghdet tistenna sakemm wasslet vicin ir-*roundabout* qabel ma xeghlet l-*indicator* u bdiet tahseb sabiex taqbad il-karreggjata li kienet twassalha ghal hdejn ir-*roundabout*. Dana qed jinghad peress illi f'din il-parti tat-triq ikunu ghaddejjin hafna karozzi (kif tikkonferma l-attrici fix-xhieda

taghha) u ghalhekk wiehed irid joqghod ferm attent li ifixxkel mill-inqas il-*flow of traffic* li ikun ghaddej b'velocita iktar qawwija.

Illi l-attrici lanqas kienet cara fix-xhieda taghha meta giet biex tispjega kif sehh l-incident. Hija lanqas rat il-vettura l-ohra gejja minn warajha ghalkemm tikkontendi illi kien hemm vetturi ohrajn qed isuqu fuq ir-raba karreggjata u li sahansitra kien hemm uhud li cedewlha. Kieku dana kien il-kaz, kieku l-incident certament ma kienx isehh ghaliex l-attrici kienet tidhol bil-mod f'din il-karreggjata u taqbad mar-*roundabout*. Min-naha tal-konvenut ma jidhirx illi kien hemm xi nuqqas fis-sewqan tieghu peress illi huwa kien u dejjem baqa' isuq fid-dritt fl-istess karreggjata u cioe' fil-karreggjata li kienet ser twasslu fejn ried imur u cioe' lejn il-Belt.

It-Tribunal ma jistax jifhem kif l-attrici tghid illi hija ma ratx il-vettura tal-konvenut li, kif jidher anke min-natura tal-hsarat, jidher illi issorpassatha. Tant hu hekk li l-hsarat fuq il-vettura tal-konvenut qeghdin fuq in-naha ta' wara. Lanqas ma jista' jifhem kif iz-zewg sewwieqa jikkontendu illi t-tnejn kienu qed isuqu fuq l-istess karreggjata ghaliex altrimenti l-kollizzjoni ma kenitx isehh. Illi x'aktarx illi l-attrici kienet qed issuq fuq il-karreggjata biswiet dik fejn kien qed isuq il-konvenut u hekk kif ghaddiet il-vettura tal-konvenut minn hdejha l-attrici kissret sabiex tbiddel il-karreggjata taghha sabiex tmur lejn ir-*roundabout* u b'hekk sehhet il-kollizzjoni.

Regola kardinali ta' *lane discipline* hija dik li fil-passagg minn *lane* ghal iehor is-sewwieq ma ghandux jikkaguna "*inconvenience or danger to the other vehicles*". Inoltre l-artikolu 76 tal-Highway Code ighallimna: "*before changing direction, reduce speed and keep a watch on the traffic behind you by glancing in your mirror*. L-artikolu 79 ikompli ighid: "*When changing direction you ,must invariably signal your intention to turn well in advance and make sure that it is safe to do so by looking in your mirror*." Kif gustament gie ritenut f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2001 fil-kawza fl-ismijeit Fogg Limited et vs Martin Vella: "Sewwieq ghandu

jiehu l-prekawzzjonijiet necessarji qabel ma jaqsam jew jidhol minn  karreggjata ghall-ohra u dana jinkludi li l-ewwel jesplora jekk ikunx gej traffiku fuq il-karreggjata l-ohra u li jaqsam ghall-istess jew jidhol fl-istess karreggjata biss wara li jassigura ruhu li ma hux ser jikser il-*flow of traffic* fuq l-istess u jaghti tempestivament l-indikazzjoni jew sinjal ghal din il-manuvra tieghu.”  Inoltre l-attrici messha fi kwalunkwe kaz qabbdet il-karreggjata it-tajba hafna qabel ma wasslet vicin ir-*roundabout*.

Illi ghalhekk ir-responsabbilta kienet tinkombi fuq l-attrici mhux biss li taghmel is-sinjal sabiex taghti pre-avviz lis-sewwieqa l-ohra ta’ dak li kienet bi hsiebha taghmel, izda inoltre li tara li s-sewwieqa l-ohra raw dan is-sinjal u kellhom bizzejjed hin sabiex jirreaggixxu ghalih. Kellha kull dmir ukoll li tassigura ruhha meta hija giet sabiex tbiddel id-direzzjoni taghha li ma kien hemm hadd li ser jissorpassha f’dan il-mument.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara lill-attrici unikament responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza u ghalhekk filwaqt li ighaddi sabiex jilqa’ l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jichad it-talba attrici.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, hlief ghall-ispejjez in konnessjoni man-nota ta’l-eccezzjonijiet ipprezentata fis-6 ta’ Ottubru 2003, billi din saret doppjament, ghandhom jigu sopportati interament mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------